Tender forms may be obtained from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, during office hours.

8th July, 2005

FORZI ARMATI TA' MALTA

Il-Kmandant, Forzi Armati ta' Malta, jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, it-2 ta' Awissu, 2005, fl-Uffiċċju tal-Finanzi, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

*AFM Avviż Nru. 21/05. Provvista ta' oġġetti ta' l-i*stationery* - Forzi Armati ta' Malta.

*Avviż li qieghed jidher għall-ewwel darba

Il-formoli ta' l-offerta u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Finanzi, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn is-7.00 a.m. u s-1.30 p.m.

It-8 ta' Lulju, 2005

ARMED FORCES OF MALTA

The Commander, Armed Forces of Malta, notifies that:–

Sealed tenders will be received by the Finance Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Luqa, up to noon of Tuesday, 2nd August, 2005, for:–

*AFM Advt. No. 21/05. Supply of stationery items - Armed Forces of Malta.

*Advertisement appearing for the first time

Tender forms and further information may be obtained from the Finance Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Luqa, during any working day between 7.00 a.m and 1.30 p.m.

8th July, 2005

WASTESERV MALTA LTD.

Iċ-*Chief Executive Officer,* WasteServ Malta Ltd, jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, l-14 ta' Lulju, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-WasteServ Malta Ltd, Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, għal:–

Avviż Nru. WSM/022/2005. Kuntratt perjodiku qasir għall-ġarr u ħatt ta' *municipal solid wastes* minn Għawdex sa Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu flimkien ma' aktar tagħrif meħtieġ mill-uffiċċju msemmi hawn fuq f'kull ġurnata tax-xogħol bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar.

It-8 ta' Lulju, 2005

WASTESERV MALTA LTD.

The Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, notifies that:–

Sealed tenders will be received at the offices of WasteServ Malta Ltd at Phoenix Building, Old Railway Track, Santa Venera, by not later than noon on Thursday, 14th July, 2005, for:–

Advt. No. WSM/022/2005. Short period contract for the transport and deposit of municipal solid wastes from Gozo to Malta.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

Forms of tenders may be obtained together with any further information required from the above-mentioned office on any working day between 9.00 a.m. and noon.

8th July, 2005

AWTORITÀ MALTIJA DWAR IT-TRASPORT

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Lulju, 2005 fil-kaxxa ta' l-offerti fid-Direttorat tat-Toroq, Triq Sa Maison, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

*Avviż Nru. 10. Kostruzzjoni ta' parti minn Triq Notabile (Fażi D), Birkirkara.

*Avviż Nru. 11. Kostruzzjoni ta' triq ġdida fi Triq Dun Karm Frendo, Ħad-Dingli.

*Avviż Nru. 12. Kostruzzjoni ta' Triq il-Kavallieri ta' Malta, Marsascala.

*Avviż Nru. 13. Xogħlijiet ta' manutenzjoni f'Tal-Qlejgħa, l-Imtarfa.

*Avviż Nru. 14. Kostruzzjoni ta' triq ġdida fi Triq San Pawl u parti minn Triq il-Ġnien, in-Naxxar.

*Avviż Nru. 15. Kostruzzjoni ta' Triq in-Nissieġ, in-Naxxar.

*Avviż Nru. 16. Kostruzzjoni ta' Triq in-Nafra u parti minn Triq il-Milizzja, in-Naxxar.

THE MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Chairman notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Network Infrastructure Directorate, Triq Sa Maison, Floriana, up to 10.00 a.m. of Friday, 29th July, 2005 for:-

*Advt. No. 10. Construction of part of Triq Notabile (Phase D), Birkirkara.

*Advt. No. 11. Construction of new street in Triq Dun Karm Frendo, Dingli.

*Advt. No. 12. Construction of Triq il-Kavallieri ta' Malta, Marsascala.

*Advt. No. 13. Maintenance works at Tal-Qlejgħa, Mtarfa.

*Advt. No. 14. Construction of new street in Triq San Pawl and part of Triq il-Ġnien, Naxxar.

*Advt. No. 15. Construction of Triq in-Nissieġ, Naxxar.

*Advt. No. 16. Construction of Triq in-Nafra and part of Triq il-Milizzja, Naxxar.

*Avviż Nru. 17. Asfaltar ta' Triq in-Nassab, Ħal Qormi.

*Avviż Nru. 18. Xogħlijiet ta' toroq f'parti minn Triq il-Mensija, San Ġiljan.

*Avviż Nru. 19. Kostruzzjoni ta' parti minn Triq Katerina Vitale u Triq il-Fortizza, Santa Luċija.

*Avviż Nru. 20. Kostruzzjoni ta' Triq Daniel Cecy, Ħal Tarxien.

*Avviż Nru. 21. Kostruzzjoni ta' Triq it-Tamal, Ħal Tarxien.

*Avviż Nru. 22. Kostruzzjoni ta' Triq K. Buhagiar, Ħal Tarxien.

*Avviż Nru. 23. Xogħlijiet ċivili għall-*Pelican Crossing* fil-Bajja ta' l-Għadira, il-Mellieħa.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mid-Direttorat tat-Toroq f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar bil-ħlas ta' Lm50.00.

It-8 ta' Lulju, 2005

*Advt. No. 17. Asphalting of Triq in-Nassab, Qormi.

*Advt. No. 18. Road works at part of Triq il-Mensija, St. Julians.

*Advt. No. 19. Construction of part of Triq Katerina Vitale and Triq il-Fortizza, Santa Luċija.

*Advt. No. 20. Construction of Triq Daniel Cecy, Tarxien.

*Advt. No. 21. Construction of Triq it-Tamal, Tarxien.

*Advt. No. 22. Construction of Triq K. Buhagiar, Tarxien.

*Advt. No. 23. Civil works for Pelican Crossing at Għadira Bay, Mellieħa.

*Advertisements appearing for the first time

Tender forms may be obtained from the Network Infrastructure Directorate on any working day between 8.30 a.m. and noon at a fee of Lm50.00.

8th July, 2005

TAQSIMA GĦALL-KONSERVAZZJONI U KONTROLL TAS-SAJD

Id-Direttur Ġenerali (Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd) jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, it-28 ta' Lulju, 2005, fil-Kaxxa ta' l-Offerti fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 06/05. Provvista ta' servizz ta' investigazzjoni ġeo-teknika fil-Bajja ta' Marsaxlokk lit-Taqsima Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd.

Il-formoli ta' l-offerta u tagħrif ieħor dwar il-kondizzjonijiet ta' dan il-kuntratt jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Provvisti, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċ-ju.

It-8 ta' Lulju, 2005

FISHERIES CONSERVATION AND CONTROL DIVISION

The Director General (Fisheries Conservation ad Control Division) notifies that:–

Sealed tenders will be received in the Tender Box at the Department of Corporate Services of the Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta, up to 10.00 a.m. on Thursday, 28th July, 2005, for:–

Advt. No. 06/05. Provision of geo-technical investigation services at Marsaxlokk Bay to the Fisheries Conservation and Control Division.

Forms of tender and other information regarding this tender may be obtained from the Supplies Section, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, during normal office hours.

8th July, 2005

IL-KORPORAZZJONI TAX-XOGĦOL U T-TAĦRIĠ

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Awissu, 2005 fil-kaxxa ta' l-offerti ta' l-Uffiċċju Ewlieni, Ħal Far, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. 06/2005. Stallazzjoni ta' servizzi ta' *air-conditioning* u xogħlijiet anċillari fil-*Job Centre* ta' l-*ETC,* Valletta.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tal-Finanzi ta' l-*ETC* bi ħlas ta' Lm60 kull dokument.

It-8 ta' Lulju, 2005

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

The Chairman notifies that:

Sealed tenders will be received at the tender box of the ETC Head Office, Ħal Far, up to noon of Friday, 19th August, 2005, for:-

Advt. No. 06/2005. Air-conditioning services installations and ancillary works at the ETC Job Centre in Valletta.

Tender document may be obtained from the Finance Division, against a payment of Lm60 each.

8th July, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Lulju, 2005, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. SIS001/05. *Multimedia Projector* fiċ-Ċentru ta' Taħriġ SIS, il-*Junior Lyceum* tal-Bniet Maria Regina, Blata l-Bajda.

Il-kwotazzjonijiet għandhom isiru fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra, jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni miċ-Ċentru ta' Taħriġ SIS, il-*Junior Lyceum* tal-Bniet Maria Regina, Blata l-Bajda. f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

Il-kwotazzjonijiet għandhom ikunu magħluqa f'*envelope* indirizzat minn qabel u mitfugħa fil-Kaxxa ta' l-Kwotazzjonijiet fid-daħla taċ-Ċentru ta' Taħriġ SIS.

It-8 ta' Lulju, 2005

EDUCATION DIVISION

The Director of Education notifies that:-

Sealed quotations will be received up to 11.00 a.m. on Friday, 29th July, 2005, for:-

Quot. No. SIS001/05. Multimedia Projector at SIS Training Centre, Maria Regina Girls' Junior Lyceum, Blata l-Bajda.

Quotations should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from SIS Training Centre, Maria Regina Girls' Junior Lyceum, Blata l-Bajda, on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

Quotations should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Quotation Box, located at the entrance of SIS Training Centre.

8th July 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, l-4 ta' Awissu, 2005, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. 1. Għamara ta' l-uffiċċju.

Kwot. Nru. 2. *Kitchenette*.

Il-kwotazzjonijiet għandhom isiru fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra,

EDUCATION DIVISION

The Director of Education notifies that:-

Sealed quotations will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 4th August, 2005, for:-

Quot. No. 1. Office furniture.

Quot. No. 2. Kitchenette.

Quotations should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents,

jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mill-*Lifelong Learning Centre,* Kumpless *Junior College,* l-Imsida, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-kwotazzjonijiet għandhom ikunu magħluqa f'*envelope* indirizzat minn qabel u mitfugħa fil-Kaxxa ta' l-Kwotazzjonijiet Kannella fl-Uffiċċju ta' l-Iskrivan fl-iskola msemmija hawn fuq.

It-8 ta' Lulju, 2005

are obtained on application from the Lifelong Learning Centre, Junior College Complex, Msida, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Quotations should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Brown Quotation Box, located at the Clerk's Office of the above mentioned school.

8th July 2005

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

Iċ-*Chairman*, Malta Industrial Parks Ltd, jgħarraf illi:

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Lulju, 2005, fl-uffiċċji tal-Malta Industrial Parks Ltd., Fabbrika UB8 fil-Park Industrijali ta' San Ġwann, San Ġwann, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. MIP/TQF/GEN/D03/05. Tiswijiet tal-pjanċi ta' l-azzar tas-soqfa, *gutters* eċċ f'diversi oqsma industrijali.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerta u tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mingħand l-uffiċċji tal-Malta Industrial Parks Ltd., Fabbrika UB8, fil-Park Industrijali ta' San Ġwann, San Ġwann, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

It-8 ta' Lulju, 2005

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

The Chairman, Malta Industrial Parks Ltd., notifies that:

Sealed tenders will be received at the offices of the Malta Industrial Parks Ltd., Factory UB8 at San Ġwann Industrial Park, San Ġwann, up to 10.00 a.m. on Wednesday, 13th July, 2005, for:–

Advt. No. MIP/TQF/GEN/D03/05. Repairs to steel roof sheeting, gutters etc. at various industrial estates.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

Forms of tender and further information may be obtained from the offices of the Malta Industrial Parks Ltd., Factory UB8, San Ġwann Industrial Park, San Ġwann, on any working day between 8.30 a.m. to 11.30 a.m.

8th July, 2005

PUBLIC BROADCASTING SERVICES LTD

Il-Kap Uffiċjal Eżekuttiv jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Lulju, 2005,fil-Kaxxa ta' l-Offerti f'Dar ix-Xandir, (bieb tal-ġenb) 75, Triq San Luqa, Guardamangia MSD 09, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Corporate Identity
Żvilupp ta' *website portal*
Disinn ta' *brands* ġodda għar-radju tal-PBS u stazzjonijiet tat-TV

It-8 ta' Lulju, 2005

PUBLIC BROADCASTING SERVICES LTD

The Chief Executive Officer notifies that:-

Sealed proposals will be received in the Tender Box at Broadcasting House, (side door) 75, Triq San Luqa, Guardamangia MSD 09 up to noon of Friday, 22nd July, 2005, for:-

Corporate Identity
Development of website portal
Design of new brands for PBS radio and TV stations

8th July, 2005

KUNSILL MALTI GĦALL-I*SPORT*

Il-Kunsill Malti għall-I*sport* jgħarraf illi sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-18 ta' Lulju, 2005 jilqa' offerti, għalll-provvista ta' żerriegħa tat-*turf*.

Id-dokumenti ta' l-offerta u kundizzjonijiet jistgħu jinġabru mill-uffiċċju ta' l-*Accounts* tal-Kunsill Malti għall-I*sport,* Kumpless Sportiv Kottonera matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 meta jinġabru d-dokumenti.

It-8 ta' Lulju, 2005

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

The Kunsill Malti għall-Isport notifies that offers will be received up to noon on Monday, 18th July, 2005, for the supply of turf seed

Tender documents and conditions can be collected from the Accounts office of the Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, during office hours.

A fee of Lm10 has to be paid upon collection of documents.

8th July, 2005

MINISTERU GĦALLINVESTIMENT, INDUSTRIJA U T-TEKNOLOĠIJA TA' L-INFORMAZZJONI

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni jgħarraf illi sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Lulju, 2005, fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Palazzo Verdelin, 111, Triq l-Arċisqof, Valletta, jintlaqgħu proposti magħluqin għall-talba ta' proposta għall-iżvilupp ta' *sector based e-business roadmaps* bħala parti mill-programm ta' tnedija mibdi mill-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni.

Kopja ta' l-*RFP* tista' titniżżel mill-*website* www.miti.gov.mt

It-8 ta' Lulju, 2005

MINISTRY FOR INVESTMENT, INDUSTRY AND INFORMATION TECHNOLOGY

The Permanent Secretary, Ministry for Investment, Industry and Information Technology, notifies that sealed proposals will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 29th July, 2005, in the tender box at the Office of the Permanent Secretary, Palazzo Verdelin, 111, Triq l-Arċisqof, Valletta, for the request for proposals for the development of sector based e-business roadmaps as part of the kick-start programme initiated by the Ministry for Investment, Industry and Information Technology.

A copy of the RFP can be downloaded from the website www.miti.gov.mt

8th July, 2005

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Id-Direttur Ġenerali Saħħa jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-3 ta' Awissu, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 53/05. Saqqijiet *dynamic flotation*.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, l-10 ta' Awissu, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 54/05. *Jelly*.
Avviż Nru. 55/05. *Squashes* tal-frott.
Avviż Nru. 56/05. Patata f'forma ta' trab.
Avviż Nru. 57/05. *Soft drinks vending machines*.
Avviż Nru. 58/05. *Hot drinks vending machines*.

Il-formoli ta' l-offerti u aktar tagħrif dwar il-kondizzjonijiet ta' dawn l-offerti jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima tal-Provvisti, Bini tas-Servizzi Mediċi, Pjazza San Luqa, Guardamangia, mit-8.00 a.m. san-12.30 p.m.

It-8 ta' Lulju, 2005

HEALTH DIVISION

The Director General Health notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday, 3rd August, 2005, for:-

Advt. No. 53/05. Dynamic flotation mattresses.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday, 10th August, 2005, for:-

Advt. No. 54/05. Jelly.
Advt. No. 55/05. Fruit squashes.
Advt. No. 56/05. Potatoes in powder form.
Advt. No. 57/05. Soft drinks vending machines.
Advt. No. 58/05. Hot drinks vending machines.

Forms of tenders and further information regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Health Division, Supplies Section, Medical Stores Building, St. Luke's Square, Guardamangia, from 8.00 a.m. to 12.30 p.m.

8th July, 2005

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur, Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, it-28 ta' Lulju, 2005, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru.E0421. *Silicone endodontic stops.*

Kwot. Nru. E0422. *Micro catahethers (microferret) 2.3 – 3.0FR x 135cm long.*

Kwot. Nru. E0423. *Continuous positive airway pressure system.*

Kwot. Nru. E0424. *Straight knitted vascular grafts 34mm and 38mm.*

Kwot. Nru. E0425. *Orthodontic sectionals expantion screws.*

Kwot. Nru. E0426. *Intra-oral elastics.*

Kwot. Nru. E0427. *Exchange wires 260cm double ended.*

Kwot. Nru. E0428. *Disposable filters for tranquility machine (CPAP).*

Kwot. Nru. E0429. *E-series ringtip forceps.*

Kwot. Nru. E0430. *Medium swabs 30 x 30 for CABG's.*

Kwot. Nru. E0431. *Haematuria catheters, size 18 and 20.*

Kwot. Nru. E0432. *Dental probes.*

Kwot. Nru. E0433. *Reamers.*

Kwot. Nru. E0434. *Burnishers.*

Kwot. Nru. E0435. *Silicone impression material.*

Kwot. Nru. E0436. *Actimeter accessory for respironies alice 4 – part no. 3013.*

Kwot. Nru. E0437. *Paper tape hypoallergenic, 2.5cm.*

Kwot. Nru. E0438. *Kits for the detection anti-platelet antibody by 11F.*

Kwot. Nru. E0439. *Selective agar and enrichment broth for isolation of campylobacter spp.*

Kwot. Nru. E0440. *Immuno link antibodies.*

Kwot. Nru. E0441. *Safety spectacles.*

Kwot. Nru. E0442. *Denis browne aluminium collars and beads.*

Il-kwotazzjonijiet kollha msemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.health.gov.mt/gps/quot.htm.

Aktar informazzjoni dwar il-kwantitajiet u kondizzjonijiet ta' dawn il-kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Triq Clarence, Guardamangia, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

It-8 ta' Lulju, 2005

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, notifies that:-

Sealed quotations will be received up to 9.00 a.m. of Thursday, 28th July, 2005, for:-

Quot. No. E0421. Silicone endodontic stops.

Quot. No. E0422. Micro catahethers (microferret) 2.3 – 3.0FR x 135cm long.

Quot. No. E0423. Continuous positive airway pressure system.

Quot. No. E0424. Straight knitted vascular grafts 34mm and 38mm.

Quot. No. E0425. Orthodontic sectionals expantion screws.

Quot. No. E0426. Intra-oral elastics.

Quot. No. E0427. Exchange wires 260cm double ended.

Quot. No. E0428. Disposable filters for tranquility machine (CPAP).

Quot. No. E0429. E-series ringtip forceps.

Quot. No. E0430. Medium swabs 30 x 30 for CABG's.

Quot. No. E0431. Haematuria catheters, size 18 and 20.

Quot. No. E0432. Dental probes.

Quot. No. E0433. Reamers.

Quot. No. E0434. Burnishers.

Quot. No. E0435. Silicone impression material.

Quot. No. E0436. Actimeter accessory for respironies alice 4 – part no. 3013.

Quot. No. E0437. Paper tape hypoallergenic, 2.5cm.

Quot. No. E0438. Kits for the detection anti-platelet antibody by 11F.

Quot. No. E0439. Selective agar and enrichment broth for isolation of campylobacter spp.

Quot. No. E0440. Immuno link antibodies.

Quot. No. E0441. Safety spectacles.

Quot. No. E0442. Denis browne aluminium collars and beads.

All quotations listed above can be downloaded from http://www.health.gov.mt/gps/quot.htm.

Further information regarding the quantities and conditions of these quotations may be obtained from the Government Pharmaceutical Services, Triq Clarence, Guardamangia, between 8.00 a.m. and noon.

8th July, 2005

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur, Proġetti u Żvilupp, fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Lulju, 2005, fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima tat-Teżor, ir-Rabat, Għawdex, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. WB 34/2005. Provvista u konsenja ta' ċangatura *(profido)* lit-Taqsima tax-Xogħlijiet fid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp, Ministeru għal Għawdex.

Għandu jithallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi jistgħu jinkisbu mill-Fergħa tax-Xogħlijiet, ir-Rabat, Għawdex f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-8 ta' Lulju, 2005

MINISTRY FOR GOZO

The Director, Projects and Development, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, by not later than 10.00 a.m. of Friday, 22nd July, 2005, for:-

Advt. No. WB 34/2005. Supply and delivery of porfido paving slabs to the Works Branch, Department of Projects and Development, Ministry for Gozo.

A fee of Lm5 is to be paid for every copy of tender documents.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions, can be obtained from the Works Branch, Victoria, Gozo on any working day during office hours.

8th July, 2005

TAQSIMA TAL-PROGRAMMI TA' L-UNJONI EWROPEA (EUPU)

Il-Koordinatur Nazzjonali ta' l-EUPU jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Awissu 2005, fit-Taqsima tal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropea, Triq Zekka, Valletta VLT 12, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

QSOCLDV 11/2005. Provvista ta' servizzi ta' *website* għat-Taqsima tal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropea (EUPU).

Il-formoli ta' l-offerta, kundizzjonijiet u aktar informazzjoni jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropea, 36, Triq Zekka, Valletta VLT 12 bejn it-8.30 a.m. u s-1.30 p.m., Numru tat-Telefon 21243237.

It-8 ta' Lulju, 2005

EUROPEAN UNION PROGRAMMES UNIT (EUPU)

The EUPU National Coordinator notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Friday, 19th August 2005 at the European Union Programmes Unit, 36, Triq Zekka, Valletta VLT 12 for:-

QSOCLDV 11/2005. Provision of website services to the European Union Programmes Unit (EUPU).

Forms of tender, conditions and further specifications regarding the items may be obtained from the European Union Programmes Unit (EUPU), 36, Triq Żekka, Valletta VLT 12 between 8.30 a.m. and 1.30 p.m., Telephone Number 21243237.

8th July, 2005

KUNSILL LOKALI LUQA

Il-Kunsill Lokali Luqa jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Lulju, 2005, fil-kaxxa ta' l-offerti apposta fil-Kunsill, 49, Triq San Pawl, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin , għal:-

Avviż Nru. LLC/T/02/05. Tkomplija ta' xogħol fil-Pjazza ta' Ħal Farruġ (Ħal Luqa).

Avviż Nru. LLC/T/03/05. Titjib tal-*playing field* f'Misraħ iż-Żgħażagħ, Ħal Luqa.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Amministrattiv waqt il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju għall-ħlas ta' Lm30.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku eżattament fid-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-8 ta' Lulju, 2005

LUQA LOCAL COUNCIL

The Luqa Local Council notifies that:-

Sealed tenders are to be deposited in the appropriate tender box at the Council, 49, Triq San Pawl, Luqa up to noon of Friday, 22nd July, 2005, for:-

Advt. No. LLC/T/02/05. Completion of works at Ħal Farruġ Square (Luqa).

Advt. No. LLC/T/03/05. Upgrading of playing field at Misraħ iż-Żgħażagħ, Luqa.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Council's Administrative Office during office hours against a payment of Lm30.

Tenders will be opened immediately in public on the closing date and time.

The Council reserves the right to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

8th July, 2005

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Lulju, 2005, fil-kaxxa mmarkata apposta fl-Uffiċċju tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti magħluqin , għal:-

Avviż Nru. 3/05. Kuntratt għal servizz ta' *handyman*.

Avviż Nru. 4/05. Kuntratt għal manutenzjoni ta' sistema ta' l-elettriku tal-ġonna pubbliċi u taċ-Ċentru Ċiviku ta' Birkirkara u servizzi oħrajn.

Avviż Nru. 5/05. Provvista u tqegħid ta' kurduna u moghdijiet għall-mixi bi blokki u konkrit.

Kull min hu interessat li japplika jista' jikseb kopja tal-kundizzzjonijiet speċifiċi mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Kunsill Lokali Birkirkara, it-Tieni Sular, Triq Tumas Fenech, Birkirkara, għall-ħlas ta' Lm25.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku eżatt wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta l-aktar offerta vantaġġjuża.

It-8 ta' Lulju, 2005

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

The Birkirkara Local Council notifies that:-

Sealed tenders are to be submitted in a marked box at the Council Office by not later than noon of Friday, 22nd July, 2005, for:-

Advt. No. 3/05. Contract for handyman service.

Advt. No. 4/05. Contract for maintenance of public gardens and Birkirkara Civic Centre, lighting systems and ancillary services.

Advt. No. 5/05. Supply and laying of kerbs and pedestrian footpaths in blocks and concrete paving.

Those interested may obtain a copy of the specific conditions from the Executive Secretary, Birkirkara Local Council, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara, against a payment of Lm25.

The tenders will be opened in public exactly after the closing time of applications.

The Council reserves the right to refuse the most advantageous offer.

8th July, 2005

KUNSILL LOKALI MSIDA

Il-Kunsill Lokali Msida jilqa' kwotazzjonijiet mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Awissu 2005 għal armar ta' dawl tal-Milied fit-toroq ta' l-Imsida.

Kopji tad-dokumenti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv, 16a, Triq il-Knisja, l-Imsida.

Il-kwotazzjonijiet jiġu miftuħa fil-pubbliku minnufih wara li jagħlaq iż-żmien.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-8 ta' Lulju, 2005

MSIDA LOCAL COUNCIL

The Msida Local Council notifies that quotations will be received up to noon of Friday, 5th August 2005 for the installation of Christmas lighting decorations in the streets of Msida.

Copies of documents may be obtained from the Administrative's Office, 16a, Triq il-Knisja, Msida.

Quotations will be opened in public immediately on the closing date and time.

The Council reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

8th July, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1411

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' April 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 685/05, fl-ismijiet Auto Sales Limited vs Winston Fenech, ordnat illi l-istess ittra uffiċjali tiġi notifikata lill-intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 27 ta' Jannar 2005.

Winston Fenech
The Fenechs
Bergamot Street,
Mosta.

Bil-preżenti Auto Sales Limited (C491) ta' 'Kind's', Mosta Road, Ħal Lija BZN 09 jinterpellawk sabiex fi żmien ġimgħa mid-data tal-preżenti att ġudizzjarju tħallas l-ammont ta' Lm1,644.61 dovuti in konnessjoni ma' kambjali ffirmati (Dok. A –A11).

Dan l-ammont għandu jitħallas bl-imgħax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-pagament finali.

Permezz tal-preżenti s-soċjetà mittenti qiegħda trendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv tagħha hawn indikat u dana ai termini ta' l-artikolu 253(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-ittra uffiċjali hija rikjesta ai termini ta' l-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż tal-preżenti.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 4 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 28th April 2005, in the records of the judicial letter number 685/05, in the names Auto Sales Limited vs Winston Fenech, ordered that the same judicial letter be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 27th January 2005.

Winston Fenech
The Fenechs
Bergamot Street
Mosta.

By the present Auto Sales Limited (C491) of ' Kind's', Mosta Road, Lija BZN 09 call upon you so that within a week from the date of the present judicial letter you pay the amount of Lm1,644.61 due in connection with signed bills of exchange (Doc. A –A11).

This amount is to be paid with legal interest from the date of maturity of each bill of exchange till the date of final payment.

By the present the interpellant company is rendering executable its executive title herein indicated and this in terms of article 253 (d) of Chapter 12 of the Laws of Malta. This judicial letter is required in terms of article 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

With the costs of the present.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 4th July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1412

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fid-9 ta' Ġunju 2005, minn Andrew Vella, rikors numru 397/2005, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur tiegħu u ta' ħutu l-oħra Marika armla minn Francis Sciberras u Irene mart Marco Grech u dan fi kwota ta' terz (1/3) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Carmela Vella, mart Panajotis Vella, bint il-mejtin Giuseppe Lanzon u Annetta Lanzon née Magri, imwielda l-Ħamrun, kienet toqgħod tas-Sliema u mietet Pietà, fil-11 ta' Frar 2005, ta' 74 sena u kellha karta ta' l-identità numru 164630(M) li mietet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 4 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 9th June 2005, by Andrew Vella, application number 397/2005, whereby he asked that it be declared open in his favour and of his other siblings Marika widow of Francis Sciberras and Irene wife of Marco Grech and this in the quota of one-third (1/3) undivided share in favour of each one of them the SUCCESSION of Carmela Vella, wife of Panajotis Vella, daughter of the late Giuseppe Lanzon and Annetta Lanzon née Magri, born in Ħamrun, resided in Sliema and died in Pietà on the 11th February, 2005 aged 74 and had identity card number164630(M), who died intestate and thus the bann was issued so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 4th July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1413

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi fuq rikors ta' Carmelo, Rosa armla minn Joseph Muscat, Anna armla minn John Vassallo, Giovanni, Giusepp u Angela xebba, aħwa Muscat, rikors numru 407/2005, fejn talbu li tiġi iddikjarata miftuħa favur tagħhom fi kwota ta' sesta parti (1/6) indiviża kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' oħthom Maria Muscat, xebba, bint il-mejtin Giovanni Maria Muscat u Margherita Muscat née Muscat, imwielda u kienet toqgħod iż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, Malta, u mietet Pietà, fis-16 ta' Novembru 2004 ta' 74 sena u kellha karta ta' l-identità numru 150830(M) u li mietet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 5 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

It is hereby notified that following an application of Carmelo, Rosa widow of Joseph Muscat, Anna widow of John Vassallo, Giovanni, Giusepp and Angela unmarried, siblings Muscat, application number 407/2005, whereby they asked that it be declared open in their favour in the quota of one-sixth (1/6) undivided share in favour of each one of them the SUCCESSION of their sister Maria Muscat, unmarried, daughter of the late Giovanni Maria Muscat and Margherita Muscat née Muscat, born and who resided at Żebbiegħ limits of Mġarr, Malta, and died in Pietà on the 16th November 2004, aged 74 and who had identity card number 150830(M) and who died intestate and thus the issue of the ban was ordered so that any interested party be notified.

Thus whosoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition in terms of Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 5th July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1414

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' Mejju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fit-30 ta' Novembru 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Keith Sultana ta' Triq Santa Filumena, Kalkara CSP 10, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u disgħa u sebgħin lira Maltija u seba' ċenteżmi (Lm179.07) liema ammont huwa dovut is-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 2235/04 PM) hija differita għall-14 ta' Lulju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 4 ta' Lulju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 12th May 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 30th November 2004 whereby they asked the Tribunal to condemn Keith Sultana of Triq Santa Filumena, Kalkara CSP 10, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and seventy nine Maltese liri and seven cents (Lm179.07) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 2235/04PM) is put off to the 14th July 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 4th July 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1415

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ta' l-20 ta' Ġunju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Cutajar Limited (C4975) ta' Triq l-Akwadott, Birkirkara, ippreżentaw Talba fid-9 ta' Frar 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Giovanni Calleja ta' Auto Centre, St Paul Street, Naxxar, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u disgħa u disgħin lira Maltija u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm1,099.33) liema ammont huwa dovut is-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 428/05 JB) hija differita għall-11 ta' Lulju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 4 ta' Lulju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 12th May 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Cutajar Limited (C4975) of Triq l-Akwadott, Birkirkara, filed a Claim on the 9th February 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Giovanni Calleja of Auto Centre, St Paul Street, Naxxar, to pay the plaintiff company the sum of one thousand and ninty nine Maltese liri and thirty three cents (Lm1,099.33) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 428/05JB) is put off to the 11th July 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 4th July 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1416

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Ġunju 2005 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Blata l-Bajda, ippreżentaw talba fit-2 ta' Mejju 2005, fejn talab lill-Qorti sabiex jikkundanna lil N Ciantar & Sons Limited (C14471) ta' NTS Building, Triq il-Prinċep Albert, Albertown, Marsa, iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn u wieħed u sebgħin lira Maltija u disgħa u tletin ċenteżmu (Lm2,071.39) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Nru 258/05SM) hija differita għat-13 ta' Lulju 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 4 ta' Lulju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 28th June 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Blata l-Bajda, filed a Claim on the 2nd May 2005, whereby they asked the Court to condemn N Ciantar & Sons Limited (C14471) of NTS Building, Triq il-Prinċep Albert, Albertown, Marsa, to pay the plaintiff company the sum of two thousand and seventy one Maltese liri and thirty nine cents (Lm2,071.39) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Notice Number 258/05 SM) is put off to the 13th July 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 4th July 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1417

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħti fit-22 ta' Marzu 2003 fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 5645/04 fl-ismijiet Halman Ltd vs K.S.A.Ltd, ordnat illi l-ittra uffiċjali hwan taħt riprodotta tiġi notifikata lill-intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 24 ta' Settembru 2004

Lil K.S.A. Limited (C 26771)

Bil-preżenti s-soċjetà Hal Mann Limited (C 19917) ta' Ħal Mann Showrooms, Naxxar Road, Ħal Lija tinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa mid-data ta' din l-ittra uffiċjali tħallasha s-somma ta' seba' mija u ħdax-il lira Maltija u tmenin ċenteżmu (Lm711.80), bilanċ minn somma akbar rappreżentanti l-valur ta' provvista u tqegħid ta' rħam tat-tip Travertine, liema materjal ġie provdut u xogħlijiet esegwiti mis-soċjetà mittenti fuq inkarigu tiegħek ai termini ta' żewġ kuntratti entrambe datati 5 ta' Mejju 2003.

In mankanza ta' pagament tas-somma ta' seba' mija u ħdax-il lira Maltija u tmenin ċenteżmu (Lm711.80) entro t-terminu lilek prefiss, is-soċjetà mittenti tkun kostretta tipproċedi ulterjorment kontra tiegħek skond il-Liġi bla pre-avviż ulterjuri.

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) given on the 22nd March 2003, in the records of the judicial letter number 5645/04, in the names Halman Ltd vs K.S.A. Ltd ordered that the judicial letter hereunder reproduced by notified upon the respondent, by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 24th September 2004

To K.S.A. Limited (C 26771)

By the present the company Ħal Mann Limited (C 19917) of Hal Mann Showrooms, Naxxar Road, Lija, calls upon you so that within a week from the date of this judicial letter you pay the sum of seven hundred and eleven Maltese liri and eighty cents (Lm711.80) balance of a larger sum representing the value of supply and laying of marble of the type Travertine, which material was supplied and works carried out by the interpellant company, at your request in terms of two contracts both dated 5th May 2003.

Failing payment of the sum of seven hundred and eleven Maltese liri and eighty cents (Lm711.80) within the time fixed to you, the interpellant company shall be constrained to proceed further against you according to law with any further prior notice.

Tant biex tagħraf timxi.

Bl-ispejjeż u l-imgħax legali dekorribbli mis-7 ta' Lulju 2003, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-ittra uffiċjali qed issir a tenur tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Soċjetà Intimata: K.S.A. Limited.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 4 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs and legal interest to run from the 7th July 2003, till the date of effective payment.

This judicial letter is being made in terms of 16 of the Laws of Malta.

Respondent Company: K.S.A. Limited.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 4th July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1418

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Ġunju 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 2401/05, datata 23 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet B Grima & Sons Ltd vs Nutar Sandro Schembri Adami ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 23 ta' Mejju 2005

Lin-Nutar Sandro Schembri Adami (ID 488863M)

